MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2003

Numru 485/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**OMISSIS**
**u**
**Dione Lautier bin Pauline Lautier li joqghod Blk F, Bieb A, Flat 8, Triq tac-Cawla, Rabat, Ghawdex.**
**(Karta ta' Identita' numru 14673 G)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati akkuzati talli nhar l-10 t' Ottubru 2003, ghall-habta tad-9.25p.m., fil-fond maghruf bhala "Dive Bar" li qieghed f'Marsalforn, bhala l-persuna licenzjata u bhala l-persuna li tmexxi l-fond rispettivament, zammew u haddmu *amusement machine* minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija, u

aktar talli haddmu l-istess *amusement machine* meta kienet tiehu aktar min 10 cents.

Semghet lill-prosekuzzjoni tirtira l-akkuza fil-konfront ta' l-imputat Dottor Joseph Ellis u dan fis-seduta tal-lum d-9 ta' Dicembru 2003 u ghalhekk in vista ta' din id-dikjarazzjoni l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din l-akkuza fil-konfront tieghu;

Semghet lill-imputat Dione Lautier jammetti l-akkuzi u fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Rat l-artikoli u cioe` l-artikolu 22 (1) ta' l-Avviz tal-Gvern 392 ta' l-1929 kif sussegwentement emendat u l-artikolu 338 (qq) tal-Kap tal-Ligijiet ta' Malta;

Tikkundanna lill-imputat Dione Lautier ghall-canfira.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------